**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024**

**Kawża Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 212/2023 JVC**

**Gheorghe Popa**

**vs**

**l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors illi permezz tieghu r-rikorrenti Gheorghe Popa detentur tal-karta tal-identita bin-numru 129842 (A) talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent kien gie akakuzat b'diversi akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn kien tressaq bl-arrest fl-10 ta' Novembru, 2016;

2. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-12 ta' Dicembru 2017, l-esponent instab hati ta' xi akkuzi dedotti kontra tieghu u gie kkundannat sitt (6) snin prigunerija, kif ukoll li jhallas l-ispejjez fl-ammont ta' Euro 12,661.60 u nharget ordni ta' protezzjoni favur il-vittmi;

3. Illi l-esponent kien hass ruhu aggravat minn dik is-sentenza u interpona appell minnha fit-22 ta' Dicembru 2017;

4. Illi l-appell gie trattat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Frar 2018 izda sal-prezentata ta' dana r-rikors kostituzzjonali, dina s-sentenza ghadha ma nghatax ghalkemm ricentement l-Imhallef li kien qed jisma' dana l-appell u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet inbidel.

5. Illi l-esponent qed jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif mharsa mill-Kostitituzzjoni ta' Malta taht l-Artikolu 39(1) et seq u l-Artikolu 6(1) et seq tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem li gew lezi; (i) minhabba d-dekorrenza taz-zmien [mhux ragjonevoli] sabiex tinghata s-sentenza; (ii) billi ma nghatax access ghall-Qorti billi l-appell tieghu ma nghatax u hu skonta jew kawzi skonta s-sentenza shiha li wassal ghall azzerament tal-appell tal-esponent; u (iii) billi l-esponent possibilment skonta piena aktar milli kellu jiskonta skond il-ligi anke kieku l-appell kellu jigi konfermat

konsegwentement iz-zmien potenzjalment extra li ghamel inkarcerat ghandu jigi kkunsidrat bhala arrest illegali.

**Dewmien**

6. Lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

7. Illi hu risaput li f'proceduri kriminali fejn persuna tkun qed taffaccja l-possibilita' ta' inkarcerazzjoni zgur li joholqu livell ta' ansjeta' fl-akkuzat u l-familjari tieghu. Dan apparti li d-determinazzjoni ta' kawzi kriminali fi zmien ragonevoli huwa importanti sabiex tigi mharsa l-effikacja u l-kredibilita' tal-amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk hemm ukoll element ta' interess pubbliku generali. [Ara per ezempju: H v. France (QEDB, 24/10/1989); Katte Klitsche De La Grance v. Italy (QEDB, 27/10/1994); Scordino v. Italy (no. 2) (QEDB, 29/03/2006)]

8. Illi sabiex jigi zgurat dan il-bilanc, fil-kejl taghha tar-ragjonevolezza taz-zmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati taghna, konsistentement qieset ic-cirkostanzi individwali u partikolari tal-kaz fid-dawl ta'erba kriterji generali (ara fost hafna ohrajn Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC] , § 43; Sürmeli v. Germany [GC], §128, Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209).

Dawn huma:

(i) il-kumplessita’ tal-kaz;
(ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta;
(iii) il-kondotta tal-awtoritajiet kompetenti, jigifieri l-azzjonijiet tal-qorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi ohra involuti fil-process;
(iv) l-importanza tal-kaz ghall-attur;

9. Fil-kaz in ezami wara il-kawza giet differita diversi drabi ghas-sentenza, kif ghandu jirrizulta mil-process u kif se jigi muri waqt is-smiegh ta’ dana r-rikors kostituzzjonali, l-appell ghadu sa llum ma nqatax [oltre erbgha snin mid-data meta kellha tinghata s-sentenza l-ewwel darba, oltre hames snin mid-data tat-trattazzjoni finali]. Id-differementi kienu jkunu ta’ sitt xhur-il wiehed bejn differiment u iehor. Jigifieri li mil-2018 sal 2023 is-sentenza ghadha ma nghatax. Fil-frattemp l-esponent baqa’ inkarcerat sa Lulju 2021 u jiskonta l-piena kollha jew kwazi moghtija mill-Qorti mal-Magistrati billi qatt ma inghata helsien mill-arrest effettiv. Issa spicca biex l-esponent skonta jew kawzi skonta s-sentenza, hareg mill-priguneriija u sadanittant is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ghadha ma nqatatx.

10. Zgur li dana l-kaz ma kienx wiehed kumpless.- L-esponent bl-ebda mod ma ostakola lill-Qorti milli-taghti s-sentenza. Il-Qorti semghet l-appell f’temp qasir imma imbaghad ma tatx is-sentenza ghal diversi snin shah u ghadha hekk sa llum kif jirrizulta mill-atti. Finalment l-appell tal-espoenti kien importanti ghalih li jinqata billi kien baqa l-habs jiskonta s-sentenza peress li ma kellux minn fejn ihallas il-Euro 5000 imposti fuqu bhala depozitu effettiv minkejja li kien ghamel rikorsi biex l-ammont jitnehha [tant ma kellux mezzi li baqa’

l-habs meta r-rikorsi ma gewx milqughin u hadd m'hu se jibqa' l-habs di sua sponte].

**Access ghall-Qorti**

11. Lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal access ghall-Qorti bi ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

12. Illi l-esponent bazikament skonta [jew kawzi] il-piena tas-sitt snin prigunerija li hu nghata mill-Qorti tal-Magistrati b'tali mod illi gie azzerat kwalunkwe rimedju effettiv li kellu l-istess esponent meta hu appella mis-sentenza in kwistjoni.

13. Illi huwa accettat fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburugu li ghalkemm in generali ma hemmx esplicitament dritt ta' appell izda meta s-sistema gudizzjarja tipprovdi ghal dana d-dritt, il-garanziji fondamentali taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplikaw [ara ***Delcourt v Belgium*** ]. Ghalhekk fejn hemm dana d-dritt dana m'ghandux jigi limitat b'tali mod li jippregudikaw l-essenza stess tad-dritt kif gara f'dan il-kaz.

14. L-esponent baqa' minghajr access ghall-Qorti ghax id-dritt tieghu ghall-appell gie azzerat. Jigi sottomess li l-gudikant issa tpogga f'posizzjoni li ghad irid jiddeciedi dana l-appell u se jkun difficli ghalih li jsib lill-esponent mhux hati jew li jkun hemm tnaqqis tal-piena meta l-esponent diga skonta l-piena kollha jew kwazi. Inoltre anki f'kaz ta' konferma tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mill-Qorti tal-Appell l-esponent se jispicca li ha jkun skont piena aktar milli tipprovdi l-ligi u ma

setghax jibbenifika mir-remission li kieku kien sentenzat in via definittiva.

**Arrest illegali**

15. Lezjoni tad-dritt fondamentali sancit mill-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

16. L-esponent kien tressaq b'arrest fl-10 ta' Novembru 2016 u baqa' taht arrest sat-tmiem ta' Lulju 2021 meta wara rikors prezentat mill-esponent gew varjati kundizzjoni tal-helsien mill-arrest (wara li kien inghata l-helsien mill-arrest originarjament fil-21 ta' Gunju 2017 mill-Qorti tal-Kriminali) u dan permezz ta' digriet tal-20 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali li kienet semghet it-trattazzjoni dwar l-appell kriminali (sede inferjuri) tal-esponent (kif dak iz-zmien presjeduta) nehhiet id-depozitu effettiv ta' Euro 5000;

17. Ill l-esponent ihoss illi gjaladarba l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif presjeduta, kienu saru rikors quddiemha li gew michuda u ghalhekk l-imsemmija Qorti kienet konxja li l-esponent kien ghadu taht arrest, umilment u bir-rispett jigi sottomess illi tali kawza kellha tigi deciza bi speditezza gjaladarba kienet ilha pendenti u l-esponent kien ghadu taht arrest u kien qed jasal lejn tmien li jiskonta l-prigunerija effettiva li huwa gie kkundannat illi jaghmel u l-Qorti kienet konsapevoli li l-appell qed jisfa fix-xejn.

18. Jinghad ukoll illi fic-cirkostanzi l-esponent spicca biex anki tilef l-opportunita' li jibbenifika mir-remission u minflok skonta piena shiha [jew kawzi] u ghalhekk effettivament

aktar milli kellu jiskonta kieku s-sentenza giet ikkonfermata. Ghalhekk dak il-perjodu extra li huwa skonta bhala piena ghandu jigi kkunsidrat bhala arrest illegali.

19. Barra minn hekk kien hemm arrest illegali ghaliex l-esponent baqa' ma nghatax helsien mill-arrest effettiv peress illi baqa' jinzamm arrestat minkejja illi hu wera li ma kellux mezzi sabiex ihallas id-depozitu effettiv impost fuqu. Kieku hu kellu l-mezzi ovvjament kien jiddepozita tali ammont sabiex ma jibqax fil-habs.L-esponent tant ma kellux mezzi illi hareg biss meta l-Qorti tal-Appell Kriminali (Seded Inferjuri) f'Lulju 2021 nehhiet id-depozitu effettiv kollu li kien gie impost fuqu wara r-rikors tal-esponent tal-2021 wara li f'l-imsemmi rikors l- esponent spjega li kien skonta jew kwazi skonta l-piena ta' sitt snin habs.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Gheorghe Popa' [Kumpilazzjoni 591/2016 NC] decizi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Dicembru 2017 gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tiddikjara li gie lez id-dritt fundamentali tal-esponent taht l-Artikolu 39(1) et seq tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) et seq tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijriet Fundamentali tal-Bniedem minhabba nuqqas ta' access effettiv ghall-Qorti ;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li ghar-ragunijiet premessi ukoll, gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif enuncjati fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 et seq tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem meta ma nghatax helsien mill-arrest effettiv u dan filwaqt li l-appell gie differit kemm-il darba ghal diversi snin waqt li l-esponent kien ghadu jiskonta sentenza li ma kinitx ghada definitiva.

4. Tiffissa kumpens dovut lill-esponenti minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati;

5. Taghti dawk ir-rimedji li l-Qorti jidhrilha effettivi u opportuni fic-cirkostanzi, inkluz izda mhux limitat ordni ghal hlas ta' danni.

Bl-ispejjez.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'Illi l-lanjanza principali tar-rikorrenti mertu tal-kawza kostituzzjonali hi li minhabba allegat dewmien eccessiv biex tigi deciza l-kawza kriminali ***Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs. Gheorge Popa,*** li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, gie vjolat il-jedd fundamentali ghal-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. Apparti hekk ir-rikorrent qed jilmenta wkoll li dan id-dewmien fl-istadju tal-appell gab mieghu lanjanzi ohra fis-sens li ma kellux access u rimedju effettiv ghal-Qrati u arrest illegali u dan kollu bi ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-34 tal- Kostituzzjoni.

Illi l-esponent jirrespingu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt

Illi bhal punt **preliminiari** l-esponent jirrileva li hu ma kellux access ghall-process kriminali mertu ta' din il-kawza stante li dan qieghed quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u access ghalih ghandhom biss l-Avukat Generali u ovvjament l-imputat qua rikorrenti ai termini tal-artikolu 518 tal-Kap 9. Ghalhekk l-esponent ma setghax jivverifika u jikkonstata l-fatti kif gew imressqa mir-rikorrenti u ghalhekk l-eccezzjonijiet qed jinghataw minghajr pregudizzju ghal dak li ser jirrizulta mill-atti tal-proces kriminali.

Illi brevement bhala fatti jigi rilevat li r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati(Malta)Bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'diversi reati li sehhew fil-konfront ta' Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring fl-24 ta' Ottubru 2016 fejn dawn sfaw aggrediti mir-rikorrenti b'sikkina. L-Avukat Generali hareg l-artikoli sabiex il-kawza kriminali tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Lulju 2017. Fit-12 ta' Dicembru il-Qorti tal-Magistrati (Malta Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali) sabet lir-rikorrenti hati ta' certu akkuzi u ikkundannatu 6 snin prigunerija oltre il-hlas tal-ispejjez. Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza. Jidher li l-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sehhet fil-11 ta' Lulju 2017 u wara kien hemm sensiela ta' differimenti biex tinghata s-sentenza. Minn dakinhar 'l hawn is-sentenza baqghet ma nghatatx minhabba diversi intoppi u issa qeghdha ghal-kontinwazzjoni ghall- 11 ta' Lulju 2023.

Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi

determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ra' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti-f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-Ligi.

Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli , kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi il-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm qed jiehdu numru ta' snin biex jigu decizi, dan ma kienx minhabba nuqqasijiet tal-prosekuzzjoni jew tal-Qorti. Anzi l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz irnexxilha tressaa 42 xhud fi zmien sena u certament il-kawza ma wehlitx minhabba l-agir taghha.

Illi r-rikorrent qieghed jiskonta sentenza ta' habs li giet imposta fuqu legittimamento mil-Qorti tal-Appell Kriminali rigward akkuzi

serjissimi relatati ma' aggressjoni li sehhet fuq zewg persuni. Il-piena erogata hija fil-parametri tal-ligi. Minn analizi tas-sentenza datata 12 ta' Dicembru 2012 il-Qorti tal-Magistrati ghamlet analizi legali, fattwali u gurisprudenzjali dettaljatissima u waslu ghall-konkluzjoni legittima li r-rikorrenti huwa hati ta' certu akkuzi u dehrilha li piena karcerarja effettiva ta' sitt snin hija idoneja fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Illi meta il-proceduri kienu quddiem il-Qorti tal-Magistrati il-kawza imxiet b'mod spedit hafna tant li fi zmien ta' ftit iktar minn sena minn meta r-rikorrenti tressaq b'arrest, il-Qorti semghet ix-xhieda kollha u tat is-sentenza taghha. Bhala stat ta' fatt id-dilungar li seta' kien hemm fil-kawza mertu ta' dawn il-proceduri sehh biss fl-istadju tal-appell.

Fi kwalunke kaz u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, ir-rikorrent ma jistghax jippretendi li juza dawn il-proceduri biex jipprova jahrab mill-piena li giet imposta b'mod legittimu fil-konfront tieghu.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall- premess u ghall-giegh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Illi ghal dak sottomess mir-rikorrent meta qed jallega li ma kellux access adegwat ghall-qorti, dan mhux minnu, stante li hu kellu access ghall Qorti tant li f'dan l-istadju ghaddejjin proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, mibnija mir-rikorrenti innifsu u ghalhekk ir-rikorrent kellu access ghall-qorti u fil-fatt ezercitah. L-esponent jissottometti li l-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrent

ghad-dritt t'access m'hix korretta, stante li ladarba persuna jkollha l-possibilita' taderixxi li Qorti u fil-fatt din il-possibilita' sehhet, allura mbaghad il-persuna ma tistghax tilmenta li ma kellhiex access ghall-qorti.

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda vjolazzjoni tal-jedd ghas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni minhabba z-zmien li dam arrestat ir-rikorrenti jibda biex jinghad li dawn l-artikoli huma intizi sabiex iharsu lill-individwu minn arrest arbitrarju. Illi sabiex id-detenzjoni jew arrest ma tkunx wahda arbitrarja skont l-artikoli msemmija dik id-detenzjoni trid tkun konsistenti mal-ghan tal-istess artikoli u cioe' li l-individwu jigi mhares mill-arbitrarjeta'. Illi madankollu dan il-principju mhuwiex wiehed assolut u dan stante li z-zewg artikoli jikkontjenu lista ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista' titnehha l-liberta' ta' xi persuna.

Illi f'dan il-kaz, l-arrest tar-rikorrenti kien jinkwadra ruhu perfettament taht il-paragrafi (b) u (c) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 (e)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'dana li l-arrest tar-rikorrenti sehh sabiex jkun jista jingieb quddiem il-Qorti sabiex jibdew il-proceduri fil-konfront tieghu.

Illi gialadarba ir-rikorrent deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati b'arrest, kien ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati imponiet diversi kundizzjonijiet meta eventwalment hu inghata l-helsien mill-arrest u dan pjenament b'harsien mal-ligijiet ta' dan il-pajjiz partikolarment mal-Kap 9. Il-garanzija fl-ammont ta' 5,000 euro depozitu biex ir-rikorrent ikun jista johrog fuq plegg kien ammont

certament ragjonevoli u pproporzjonat tenut kont il-gravita' tal-akkuzi li gie mixli li kkommetta r-rikorrenti. Anke hawn ir-rikorrenti ma jistghax jippretendi li l-Qrati ituh il-bail minghajr ma jaghme tajjeb b'garanzija skont il-ligi. Ghalhekk f'mohh l-esponenti ma hemm l-ebda dubju li l-arrest tar-rikorrenti kien wiehed gustifikat abbazi tal-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni Ewropeja u 34(f) tal-Kostituzzjoni u li fl-ebda mod ma gew imxellfa l-protezzjonijiet li jahsbu ghalihom l-istess artikoli.

Illi jsegwi ghalhekk li l-ebda dritt garanti permezz tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ma gie mittiefes bil-konsegwenza li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda kollha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Ottubru, 2023 l-Assistent Registratur Stephania Calafato Testa, Assistent Registratur tal-Qorti Kriminali nfurmat il-Qorti li hija tkun tista' tghaddi l-kopji tal-prceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent wara li tinghata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet mistennija tinghat nhar id-9 ta' Novembru 2023.

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2023 l-Avukat tar-rikorrent ddikjara kif isegwi:

'Illi r-rikorrent Popa peress li gia' skonta l-piena pendenti fl-appell Kriminali ma regax skonta habs wara li nghata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell.'

Rat li fl-istess seduta gew esebiti l-atti tal-proceduri kriminali da parti tal-Assistent Registratur Stephania Calafato Testa.

Rat ukoll illi fl-istess verbal il-partijiet ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u r-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha u dawk allegati.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna r-rikorrent Gheorghe Popa jilmenta minn dewmien eccessiv fil-procedura kriminali fil-konfront tieghu partikolarment fi stadju ta' appell b'dana li jsostni li gew lezi d-drittijiet fudnamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ulterjorment ir-rikorrent jallega li gie lez id-dritt fundamentali tieghu taht l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni minhabba allegat nuqqas ta' access efftiv ghall-Qorti.

Finalment isostni wkoll arrest illegali fit-termini tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 et seq tal-Konvenzjoni ghar-raguni li ma nghatax helsein mill-arrest effettiv fl-istess waqt li l-

appell kien qed jigi differit ghal diversi snin filwaqt li hu kien qed jiskonta sentenza li ma kinitx definittiva.

Jitlob ghalhekk li din il-Qorti tiffissa kumpens ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu u taghti dawk ir-rimejdi ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkustanzi, inkluz izda mhux limitat ordni ghal hlas ta' danni.

L-intimat Avukat tal-Istat da parti tieghu jichad b'mod assolut il-lanjanzi tar-rikorrent, jistieden lil din il-Qorti tanalizza l-atti processwali kriminali b'mod shih sabiex tkun tista' tanalizza jekk is-smiegh tal-process eccediex il-parametri tas-smiegh ragjonevoli cioe' il-komplessita ' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita' jew tal-awtoritajiet relevanti. In oltre jrid jigi ppruvat li d-dewmien kien wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggja t-tgawdija tad-drittijiet tar-rikorrent. Isostni li fil-fatt il-prosekuzzjoni ressqet tnejn u erbghin xhud (42) f'sena fl-istadju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ulterjoment isostni li r-rikorrent korrettement qed jiskonta sentenza ta' habs gusta ta' sitt snin mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati w'ghalhekk ma jistax juza dawn il-proceduri biex jahrab mill-piena legittimament imposta fuqu. Dwar l-allegat nuqqas ta' access ghall-Qorti jsostni li dan fil-fatt ma kienx minnu anki ghaliex ir-rikorrent usufruwixxa minn dan il-jedd u kellu access ghall-Qrati. Dwar l-allegat arrest arbitrarju l-Avukat tal-Istat intimat isostni li l-kaz tar-rikorrent jinkwadra urhu perfettament taht il-paragrafi (b) u (c) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 (e) (f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'dana li allura ma tirrizulta l-ebda lezjoni ta' dan id-dritt.

**Fatti tal-Kaz u provi:**

Illi l-fatti fil-kaz odjern huma li r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati sede Kriminali nhar l-10 ta' Novembru, 2016 akkuzat b'diversi reati fosthom li aggredixxa lil Yana Bland Mintoff u Daniel Mainwaring nhar l-24 ta' Ottubru, 2016. Huwa nstab hati ta' uhud mill-akkuzi mressqa fil-konfront tieghu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata t-12 ta' Dicembru, 2017. Ir-rikorrent intavola appell mill-istess nhar it-22 ta' Dicembru, 2017 w'ghalkemm dan l-appell gie trattat quddiem l-Imhallef Giovanni Grixti nhar is-26 ta' Frar, 2018 u gie differit ghad-decizjoni, sal-gurnata li gie prezentat ir-rikors kostituzzjonali odjern nhar l-24 ta' April, 2023 id-decizjoni fl-istadju ta' appell kienet ghadha ma nghatatx. Jirrizulta li d-decizjoni effettivament inghatat nhar id-9 ta' Novembru, 2023 wara li ftit xhur qabel l-appell gie assenjat lill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta mill-Imhallef Neville Camilleri. Fis-sentenza tal-appell is-sentenza ta' sitt snin prigunerija giet konfermata.

Mill-atti jirrizulta li sa minn meta tresssaq b'akkuza, ghalkemm ir-rikorrent inghata l-liberta' provizorja, il-kundizzjonijiet mposti ghall-istess,fosthom depozitu ta' hamest'elef Euro (€5,000), skont ir-rikorrent, ghamluha mpossibbli ghalih li effettivament johrog bil-liberta' provizorjau baqa mizmum taht arrest preventiv sal-20 ta' Lulju, 2012 fejn kien biss f'dan il-mument li huwa gie finalment wara li d-depozitu ta' hamest'elef Euro (€5,000) giet mizjuda mal-garanzija personali mitluba ta' ghoxrin elf Euro (€20,000).

Il-Qorti rat li mix-xhieda ta' CO 204 Justin Ellul, Ufficcjal Korrettiv fil-Habs, stazzjonat ir-records office a fol. 26 et seq tal-process jirrizulta li r-rikorrent dahal fil-facilita' nhar l-10 ta' Novembru, 2016 akkuzat bi 'grevious bodily harm' u gie rilaxxat fuq *bail* nhar il-21 ta' Lulju, 2021 b'dana li b'kollox kien akkumula perjodu ta' arrest ta' elf seba' mija u erbatax-il gurnata (1714). Huwa spjega

wkoll li biex tapplika r-*remission* wiehed irid ikun qed jiskonta sentenza ta' habs effettiva u mhux ikun qieghed taht arrest preventiv, b'dana li allura r-rikorrent ma setax jusufruwixxi mir-*remission*. Il-Qorti rat ukoll in-nota esebita mill-istess xhud bid-dettalji kif indikati a fol. 22 et seq tal-process.

Rat l-atti tal-process kriminali li gew annessi mir-Registratur Kriminali. Minn dawn l-atti processwali jirrizulta li fi ftit aktar minn sena, il-Qorti tal-Magistrati semghet il-provi kollha tal-kaz u tat sentenza fil-konfront tar-rikorrent. Il-Qorti rat li kien hemm diversi xhieda li telghu jixhdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati filwaqt li l-partijiet inghataw ukoll l-opportunita' li jaghmlu trattazzjoni estensiva li giet traskritta u ftit wara inghatat id-decizjoni. Certament f'dan l-istadju wiehed jista' jghid li l-proceduri fil-konfront tar-rikorrent mxew b'mod spedit hafna.

Rat ukoll li nhar it-22 ta' Dicembru 2017 ir-rikorrent ntavola appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Sa dan l-istadju r-rikorrent kienu ghadu mizmum il-habs taht arrest preventiv stante li ma kienx f'posizzjoni li jhallas id-depozitu ta' hamest'elef Euro (€5,000). Il-Qorti rat mill-atti li l-appell gie trattat quddiem l-Imhallef Giovanni Grixti nhar is-26 ta' Frar, 2018 u gie differit ghad-decizjoni. Effettivament id-decizjoni baqghet ma nghatatx sakemm l-Imhallef Giovanni Grixti ma baqax assenjat bil-kaz u dan mar ghand l-Imhallef Neville Camilleri fejn dan fi zmien ftit xhur ghadda ghad-decizjoni nhar it-9 ta' Novembru, 2023 fejn kif inghad ikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti. Ghalhekk jirrizulta li d-decizjoni tal-appell inghatat kwazi sitt (6) snin wara li gie ntavolat l-appell mir-rikorrent.

Jirrizulta wkoll mill-atti li kien biss fl-20 ta' Lulju, 2021 li r-rikorrent hareg mill-habs wara li tnehhiet il-kundizzjoni ta' depozitu ta' hamest'elef Euro (€5,000).

Illi fl-atti odjerni jirrizulta li wara li nghatat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ir-rikorrent ma skontax aktar habs stante li kien gia skonta dak dovut minnu fl-arrest preventiv tieghu.

Il-Qorti rat mill-atti kriminali wkoll li r-rikorrent diversi drabi usufruwixxa ruhu mill-jedd li jaghmel rikors sabiex jinghata l-liberta' provizorja u wara li din inghatat u gie impost id-depozitu ta' hamest'elef Euro (€5,000), ir-rikorrent diversi drabi ntavola rikorsi quddiem il-Qorti Kriminali b'talba sabiex din il-kundizzjoni tigi varjata. Rat li dawn ir-rikorsi lkoll gew mismugha f'temp qasir u kollha, salv wiehed, gew michuda ghar-raguni li l-Qorti Kriminali qieset li l-gravita' tal-akkuzi kienu jirrikjedu l-imposizzjoni ta' tali depozitu. Rat li kien biss fl-20 ta' Lulju, 2021, wara appuntu rikors iehor li ghamel ir-rikorrent, li l-Qorti qieset li f'dak l-istadju kellha tirrevoka l-imposizzjoni tad-depozitu billi din is-somma tizdied mas-somma ta' garanzija personali impost fid-digriet tal-helsien mill-arrest originarjament datat 21 ta' Gunju, 2017.

Illi kif inghad jirrizulta li r-rikorrent skontha elf seba' mija u erbatax-il gurnata (1,714). Illi kalkolat perjodu ta' tmien xhur ghal kull sena habs imposta (ghal dik msejjha bhala *remission)* r-rikorrent presumibilment kellu jiskontha b'kollox elf, erba' mija u erbghin gurnata habs (1,440) b'dana li fil-fatt spicca qatta mitejn u erba u sebghin gurnata (274) oltre s-sentenza mposta fuqu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Allegat dewmien eccessiv fil-procedura kriminali b'lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem:**

Illi mill-provi fl-atti u dawk annessi jirrizulta li fi stadju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati certament ma kienx hemm l-ebda dewmien eccessiv. Il-Qorti tal-Magistrati fi zmien ta' ftit aktar minn sena semghet bosta xhieda, semghet it-trattazzjoni u ghaddiet ghas-sentenza.

Illi mhux l-istess jista jinghad ghall-istadju tal-proceduri waqt li kienu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Jirrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm l-appell gie ntavolat nhar it-22 ta' Dicembru, 2017, saret trattazzjoni madwar xahrejn wara u l-appell gie differit ghad-decizjoni, effettivament id-decizjoni baqghet tigi differita tant li s-sentenza finali inghatat ftit anqas minn sitt snin wara li gie ntavolat l-appell mir-rikorrent. Din il-Qorti mill-atti tqis li certament il-kaz ma jistax jitqies tant kompless li kien jehtieg dan it-tul ta' zmien kollu sabiex jinqata appell, aktar u aktar wara li l-Qorti tal-Magistrati abilment kienet qatghet il-kaz fi zmien sena. In oltre, mill-atti, l-Qorti rat li hadd mill-partijiet, la l-prosekuzzjoni u wisq anqas id-difiza ma kkontribwew ghad-dewmien anzi huwa car li d-dewmien gie unikament minn naha tal-Qorti tal-Appell Kriminali li baqghet ghal numru twal ta' seduti li ammontaw ghal snin shah tiddifferixxi d-decizjoni ghall-ebda raguni ohra ghajr li ssostni li kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Din il-Qorti tifhem li kull Qorti hija mghobbija b'hafna xoghol izda fi kwalunkwe kaz dewmien ta' sitt snin mit-trattazzjoni bl-ebda mod ma jista' jigi meqjus gustifikat. Fil-fatt jirrizulta li kien biss fil-mument li l-assenjazzjoni tal-appell tar-rikorrent nbidlet, fis-sens li nghatat lill-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta, li l-kaz rega' beda miexi u nghatat is-sentenza fil-konfront tar-rikorrent

fi ftit xhur. Dan ukoll juri li l-kaz ma kienx daqshekk kumpless li l-Qorti precedenti kellha bzonn diversi snin sabiex tasal ghad-decizjoni.

Illi in vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li ghall-perjodu ta' hames snin jekk mhux aktar id-dritt tar-rikorrent ghal-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli gie lez u ghal dan din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillikwida danni morali favur tieghu fis-somma ta' hamest' elef Euro (€5,000).

**Allegat lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent taht l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni minhabba allegat nuqqas ta' access effettiv ghall-Qorti:**

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat mill-atti li kemm fl-istadju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fl-istadju tal-proceduri tal-Appll, ir-rikorrent usufruwixxa mid-dritt tieghu moghti fil-ligi sabiex jiprezenta rikors sabiex jew jinghata l-liberta provizorja jew jigu varjati l-kundizzjonijiet li fuqu nghata l-liberta' provizorja. Dawn ir-rikorsi dejjem gew mismugha bi speditezza u decizi fi ftit jiem. Il-Qorti fil-fatt rat li fis-sena 2017 ir-rikorrent inghata l-liberta' provizorja izda ma kienx f'kundizzjoni li jiddeposita is-somma ta' hamest' elef Euro (€5,000) mposta bhala depozitu u kien ghalhekk li ma harigx bil-liberta' provizorja. Fl-istadju tal-appell huwa ghal diversi drabi talab li din il-kundizzjoni tigi varjata izda l-Qrati nsistew li minhabba l-gravita' tal-kaz id-depozitu kien gust u neccessarju. Kien biss fl-20 ta' Lulju, 2022 li wara rikors tal-istess rikorrent, din il-kundizzjoni giet varjata b'dana li r-rikorrent hareg bil-liberta' provizorja.

Illi minn dak kollu suespost jirrizulta lil din il-Qorti li mhux minnu li r-rikorrent ma kellux access effettiv ghall-Qorti izda se mai il-Qrati ma kienux qed ituh ir-rimedju li ried hu u kienu qed jaghtu r-ragunijiet taghhom fir-rigward. In vista ta' dan il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti irnexxielu jipprova t-tieni talba tieghu u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Allegat arrest illegali fit-termini tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 et seq tal-Konvenzjoni:**

Illi l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni fil-parti l-aktar rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'34.(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin,jiġifieri –

. . .(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;
. . . (e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;
(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali
. . . .4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna.'

Illi l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti l-aktar rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:

(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;
(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;
(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;
4. Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-liberta` tiegħu tiġi ordnata jekk iddetenzjoni ma tkunx skont il-liġi.
5. Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens.'

Illi minn analizi tal-provi fl-atti rrizulta lil din il-Qorti li rizultat tad-dewmien fl-ghoti tad-decizjoni r-rikorrent spicca qatta madwar mitejn u erba u sebghin gurnata (274) oltre s-sentenza mposta fuqu maqful fil-habs. Il-Qorti tqis li d-detenzjoni tul dawn il-granet ma tikwalifikax bhala parti mid-detenzjoni ghall-htija tar-rikorrent stante li fil-fatt tmur oltre dak mpost fuqu. In oltre sub-artikoli l-ohra kwotati mill-intimat ukoll ma japplikawx stante li r-rikorrent kien ilu li tressaq b'arrest tant li kien inghata l-helsien mill-arrest u l-uniku raguni ghalfejn kien ghadu mizmum il-habs, apparti l-impossibilita' tieghu li jhallas id-depozitu, kienet minhabba d-dewmien mhux gustifikat da parti tal-Qorti biex taghti d-decizjoni fl-istadju tal-appell. Il-Qorti tqis li tali detenzjoni oltre s-sentenza mposta fuqu kienet fil-fatt wahda arbitrarja u mhux gustifikata

b'dana li effettivament kienet bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ghall-liberta'.

Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent ukoll jitlob li din il-Qorti taghti rimedju effettiv ghal din il-lezjoni. Il-Qorti tqis li din il-lezjoni hija ferm gravi stante li hadd ma jista' jaghti lura lir-rikorrent il-mitejn u erba' u sebghin gurnata (274) liberta mitlufa minn hajjet ir-rikorrent. Il-Qorti ghalhekk tqis li ghal din il-lezjoni r-rikorrent ghandu jircievi hamest elef Euro (€5,000) f'danni morali.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tilqa' r-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat limitatament ghat-tieni talba filwaqt li tichadha il-bqija;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Gheorghe Popa' [Kumpilazzjoni 591/2016 NC] decizi finalment mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Novembru, 2023 gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli bi ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

3. Tichad it-tieni talba tar-rikorrent stante li ma tirrizultax;

4. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tiddikjara u tiddeciedi li ghar-ragunijiet premessi ukoll, gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif enuncjati fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 et seq tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet

Fundamentali tal-Bniedem meta ma nghatax helsien mill-arrest effettiv u dan filwaqt li l-appell gie differit kemm-il darba ghal diversi snin waqt li l-esponent kien ghadu jiskonta sentenza li ma kinitx ghada definittiva.

5. Tilqa' r-raba' u l-hames talba tar-rikorrent billi tiffissa kumpens f'danni morali fis-somma komplessiva ta' ghaxart'elef Euro (€10,000) dovuta lir-rikorrent mill-intimat minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati u tordna lill-intimat ihallas l-ammont ordnat lir-rikorrent u tqis li dan huwa r-rimedju effettiv u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu, 2024**